



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Frar 2023
(OR. en)

6931/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0062(COD)

UK 28

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Frar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 124 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tfawwil, patata taż-żrigħ, makkinarju u ċertu vetturi mħaddma għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' ċerti annimali tad-dar lejn l-Irlanda ta' Fuq

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 124 final.

Mehmuż: COM(2023) 124 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2023
COM(2023) 124 final

2023/0062 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żrigħ, makkinarju u ċertu vetturi mħaddma għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' ċerti annimali tad-dar lejn l-Irlanda ta' Fuq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

F'konformità mal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-Ftehim dwar il-ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, Ir-Regolamenti (KE) Nru 1005/2008¹ u 1069/2009², (UE) Nru 576/2013³, (UE) 2016/429⁴, (UE) 2016/2031⁵ u (UE) 2017/625⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u 67 Regolament u Direttiva ġodda tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill orjentati lejn il-protezzjoni tas-saħħa pubblika⁷ kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqhom, japplikaw għal u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perijodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ.

Għaldaqstant, id-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti, ikel għall-annimali tad-dar u oġġetti tal-magħad għall-klieb lesti biex jinbiegħu, prodotti komposti,

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

² Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali tad-dari u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

⁷ Ara l-Anness I tal-proposta tal-Kummissjoni għal lista sħiħa ta' dawn l-atti.

pjanti għajr pjanti maħsuba għat-tħawwil, pjanti għat-tħawwil, makkinarju u vetturi li ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija u patata taż-żriġh, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa domestiċi (annimali tad-dar), li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-atti msemmija hawn fuq huma soġġetti għall-kontrolli uffċjali u għar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni jew ipprojbiti milli jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit.

Ir-Renju Unit u ċerti partijiet ikkonċernati bbażati fir-Renju Unit esprimew tħassib serju li l-Ftehim dwar il-Ħruġ jimponi piż amministrattiv għoli b'mod sproporzjonat fuq id-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti oġġetti soġġetti għal miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS) fejn l-oġġetti jkunu destinati għall-konsumaturi finali fl-Irlanda ta' Fuq u minħabba f'hekk idgħajjed bla bżonn il-post tal-Irlanda ta' Fuq fis-suq intern tar-Renju Unit. Ir-Renju Unit għarraf lill-Kummissjoni li daww il-problemi jikkonċernaw kunsinni ta' prodotti bl-imnut li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti, ikel għall-annimali tad-dar u oġġetti tal-magħad għall-klieb lesti biex jinbiegħu, prodotti komposti u pjanti għajr pjanti maħsuba għat-tħawwil, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nri 1005/2008 u 1069/2009, (UE) 2016/429, (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625 (oġġetti bl-imnut), kif ukoll il-moviment mhux kummerċjali ta' annimali tad-dar, u kunsinni ta' pjanti għat-tħawwil, u makkinarju u vetturi li ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 576/2013 u (UE) 2016/2031 rispettivament. Barra minn hekk, ir-Renju Unit għarraf lill-Kummissjoni li d-dħul fl-Irlanda ta' Fuq ta' patata taż-żriġh minn partijiet oħra tar-Renju Unit ikun jinvolvi riskju baxx għall-istatus tal-pesti tal-gżira tal-Irlanda. Fl-aħħar nett, ir-Renju Unit jaċċetta li għandu r-responsabbiltà li jipproteġi s-saħħa pubblika u l-konsumaturi fl-Irlanda ta' Fuq.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni u r-Renju Unit qablu dwar sett komprensiv ta' soluzzjonijiet konġunti biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' kuljum tal-komunitajiet kollha fl-Irlanda ta' Fuq, li jipproteġu l-integrità kemm tas-swieq interni tal-Unjoni kif ukoll tar-Renju Unit.

Din is-sensiela ta' miżuri prattiċi u sostenibbli timmarka triq ġdida 'l quddiem biex jiġi implimentat il-Protokoll ħalli jiġu żgurati ċ-ċarezza ġuridika, il-prevedibbiltà u l-prosperità għan-nies u n-negozji fl-Irlanda ta' Fuq. Issib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-faċilitazzjoni fuq naħa u s-salvagwardji fuq in-naħa l-oħra.

Din il-Proposta tirrifletti s-soluzzjonijiet konġunti dwar il-kwistjonijiet tal-ikel, tal-pjanti, taż-żrieragħ u tal-annimali tad-dar rigward l-Irlanda ta' Fuq li nstabu mill-Kummissjoni u mir-Renju Unit meta l-ikel jiġi kkunsmat fl-Irlanda ta' Fuq, il-pjanti u ż-żrieragħ jintużaw fl-Irlanda ta' Fuq, u l-annimali tad-dar jibqgħu fl-Irlanda ta' Fuq. Din tistabbilixxi regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, makkinarju u vetturi, li ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, patata taż-żriġh, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' annimali tad-dar. Ir-regoli l-ġodda jfissru:

- simplifikazzjoni drastika tar-rekwiżiti u l-proċeduri għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti oġġetti bl-imnut soġġetti għal atti sanitarji u fitosanitarji tal-Unjoni destinati għall-konsumaturi finali fl-Irlanda ta' Fuq, b'salvagwardji li jiggarrantixxu l-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti fil-gżira tal-Irlanda, tas-saħħa tal-annimali, pubblika jew tal-pjanti, u tal-konsumaturi fis-suq intern tal-Unjoni u l-integrità ta' dawn

tal-aħħar; soluzzjoni ġdida għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' prodotti vvalutati inklużi patata taż-żriġh, pjanti għat-tħawwil u makkinarju u vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, taħt kundizzjonijiet speċifiċi li jiggwarantixxu li s-saħħa tal-pjanti tkun protetta fl-Unjoni.

- l-istandards dwar is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur tar-Renju Unit jistgħu japplikaw għal dawk l-oġġetti bl-imnut imċaqilqa minn operaturi awtorizzati lejn l-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit u kkunsmati fl-Irlanda ta' Fuq, b'marki adegwati u skont kundizzjonijiet xierqa ta' sikurezza.
- il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar li jakkumpanjaw lill-persuni li jivvjaġġaw lejn l-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit u li qed joqogħdu fl-Irlanda ta' Fuq ikun jista' jiċċaqilaq b'dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar simplifikata.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tikkomplementa l-qafas leġislattiv komprensiv eżistenti tal-Unjoni dwar l-ikel u l-ġhalf, is-saħħa tal-pjanti, il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar u l-projbizzjoni tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd miksuba minn sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, billi tistabbilixxi regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żriġh, makkinarju u ċerti vetturi mħaddma għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' ċerti annimali tad-dar fl-Irlanda ta' Fuq.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta ma taffettwax politiki oħra tal-Unjoni. Għalhekk il-valutazzjoni tal-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni ma hijiex meqjusa neċessarja.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 43(2), l-Artikolu 114, u l-Artikolu 168(4), il-punt (b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Din il-Proposta tipprevedi regoli speċifiċi għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żriġh u makkinarju u vetturi li ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija kif ukoll movimenti mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar, u dan jista' jinkiseb biss bl-adozzjoni ta' Regolament ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

- **Proporzjonalità**

Din il-Proposta tistabbilixxi qafas komprensiv ta' kundizzjonijiet, regoli speċifiċi u salvagwardji. Dan jipprevedi li ċerti atti tal-Unjoni ma japplikawx għad-dħul ta' ċerti oġġetti bl-imnut fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit u jistabbilixxi regoli speċifiċi għal kontrolli u rekwiżiti oħra applikabbli għal dawk l-oġġetti bl-imnut kif ukoll pjanti għat-tħawwil, patata taż-żriġh u makkinarju u vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija. Dan jagħti s-setgħa lill-

Kummissjoni li tadotta l-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa għar-regoli speċifiċi għall-kontrolli uffiċjali u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni simplifikati li japplikaw ladarba r-Renju Unit ikun offra ċerti garanziji u kkonforma ma' ċerti kundizzjonijiet. L-att jipprevedi wkoll għadd ta' mekkaniżmi ta' salvagwardja biex jipproteġi b'mod adegwat l-istatus Sanitarju u Fitosanitarju tal-gżira tal-Irlanda, is-saħħa pubblika, tal-annimali u tal-pjanti fis-suq intern u l-integrità tagħha.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-inizjattiva tikkonċerna l-adozzjoni ta' regoli speċifiċi f'qasam li għalih japplikaw diversi atti tal-Unjoni, proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill hija meqjusa bħala l-istrument xieraq.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din l-inizjattiva hija proposta wara diskussjonijiet bilaterali mar-Renju Unit u assoċjazzjonijiet tal-industrija u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Mhi se ssir ebda konsultazzjoni pubblika miftuħa.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija eżentata mill-valutazzjoni tal-impatt minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-Regolament propost jikkontribwixxi għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea billi jiżgura kontrolli uffiċjali xierqa.

4. **IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. **ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żriġh, makkinarju u ċertu vetturi mħaddma għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' ċerti annimali tad-dar lejn l-Irlanda ta' Fuq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43(2), l-Artikolu 114, u l-Artikolu 168(4), il-punt (b), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni², filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika³ (il-Ftehim dwar il-ħruġ) ġie konkluż f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135⁴ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, li matulu d-dritt tal-Unjoni kompli japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, intemm fil-31 ta' Diċembru 2020.
- (2) Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (il-Protokoll) jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-ħruġ.
- (3) Bis-saħħa tal-Protokoll, ċerti atti tal-Unjoni msemmija fl-Anness 2 tiegħu, jistabbilixxu regoli applikabbli, b'mod partikolari, għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żriġh, makkinarju u vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

ta' forestrija, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' annimali tad-dar lejn l-Irlanda ta' Fuq.

- (4) B'mod aktar speċifiku, ċerti atti tal-Unjoni msemija fl-Anness 2 tal-Protokoll jistabbilixxu regoli, li japplikaw għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' kunsinni ta' ċerti oġġetti bl-imnut għall-iskop tas-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur, inklużi projbizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti.
- (5) Barra minn hekk, ir-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009⁵, (UE) 2016/429⁶, (UE) 2016/2031⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxu regoli li japplikaw għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' kunsinni ta' ċerti oġġetti bl-imnut li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti, prodotti komposti, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żriġħ, u makkinarju u vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, għall-fini tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, tal-annimali u tal-pjanti fis-suq intern, inklużi rekwiżiti għal ċertifikati uffiċjali individwali, rati ta' kontrolli uffiċjali u projbizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti.
- (6) Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ jistabbilixxi regoli għall-kontrolli uffiċjali fuq il-kunsinni kollha ta' oġġetti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi biex jiġi żgurat li jikkonformaw mar-regoli msemija fl-Artikolu 1(2) tiegħu. B'mod aktar partikolari, l-Artikolu 47 ta' dak ir-Regolament jirrikjedi li ċerti kategoriji ta' oġġetti jkunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera meta jidħlu fl-Unjoni. F'dan il-każ, bis-saħħa tal-Protokoll, ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/625 japplikaw għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' dawk il-kunsinni.

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

- (7) Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008⁹ jipprojbixxi l-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd miksuba minn sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dik il-projbizzjoni, il-prodotti tas-sajd jistgħu jiġu importati fl-Unjoni biss meta jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tal-qbid u jkunu soġġetti għal kontrolli u verifiki xierqa.
- (8) Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa domestiċi fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit, kif ukoll regoli għall-kontrolli tal-konformità u r-rekwiżit għal dokument ta' identifikazzjoni, fil-forma ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, li għandu jiġi kkontrollat fil-punt tad-dħul tal-vjaġġatur.
- (9) Sabiex titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-Irlanda ta' Fuq, jixraq li jiġu adottati regoli speċifiċi.
- (10) B'mod aktar partikolari, jixraq li jiġu adottati regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut ippakkjati minn qabel għall-konsumaturi finali, u ta' ċerti kunsinni ta' pjanti għat-tħawwil, għajr patata taż-żriġħ, ta' makkinarju u vetturi li ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, u ta' patata taż-żriġħ għall-introduzzjoni fis-suq u l-użu fl-Irlanda ta' Fuq, kif ukoll movimenti mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa domestiċi.
- (11) Dawk ir-regoli speċifiċi jenħtieġ li jqisu r-responsabbiltà tar-Renju Unit li jipproteġi s-saħħa pubblika u l-konsumaturi fl-Irlanda ta' Fuq fir-rigward ta' oġġetti bl-imnut li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit. Għalhekk jixraq li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi li jidderogaw mir-regoli stabbiliti f'ċerti atti tal-Unjoni jew partijiet minnhom elenkati fl-Anness 2 tal-Protokoll u elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, li huma esklużivament għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-konsumaturi, sabiex dawk ir-regoli ma japplikawx fir-rigward ta' kunsinni ta' oġġetti bl-imnut li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit bil-ħsieb li jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq. Madankollu, dawk l-atti tal-Unjoni jew partijiet minnhom jenħtieġ li jkomplu japplikaw bis-sħiħ għal tali oġġetti bl-imnut importati direttament fl-Irlanda ta' Fuq minn pajjiżi terzi għajr ir-Renju Unit, u l-produzzjoni u l-ipproċessar ulterjuri tagħhom fl-Irlanda ta' Fuq, peress li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (12) Jixraq li jiġi ċċarat li d-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness 2 tal-Protokoll għajr dawk elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament japplikaw fir-rigward ta' kunsinni ta' oġġetti bl-imnut li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit sakemm ma jkunux stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi minn dan ir-Regolament. Fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament, u fil-każ ta' kwalunkwe inkonsistenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi u l-atti tal-Unjoni, jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi jiehdha preċedenza.

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali tad-dari u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1).

- (13) Barra minn hekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli dwar garanziji bil-miktub li għandhom jiġu pprovduti mir-Renju Unit biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament ma twassalx għal riskju akbar għas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti fil-gżira tal-Irlanda, ma taffettwax b'mod negattiv l-istatus sanitarju u fitosanitarju (SPS) tal-gżira tal-Irlanda, ma twassalx għal riskju akbar għas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti fis-suq intern, ma twassalx għal riskju akbar li l-prodotti tas-sajd miksuba minn sajd illegali, mhux irrappurtat jew mhux irregolat jitqiegħdu fis-suq intern, u ma taffettwax b'mod negattiv il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur fis-suq intern jew l-integrità tiegħu (garanziji bil-miktub).
- (14) Ir-regoli speċifiċi jenħtieġ li jinkludu rati speċjali ta' kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu fuq kunsinni ta' oġġetti bl-imnut mal-wasla fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju fl-Irlanda ta' Fuq, u rekwiżit li tali kunsinni jkunu akkumpanjati minn ċertifikat ġenerali, ladarba r-Renju Unit ikun ipprova l-garanziji bil-miktub. Jenħtieġ li tali regoli speċifiċi japplikaw biss meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, inkluża l-konformità minn daww l-oġġetti bl-imnut mar-regoli stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 1069/2009, (UE) 2016/429, (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625, immarkar speċifiku tal-oġġetti bl-imnut, u l-ejenkar ta' stabbilimenti biex jintbagħtu u jiġu riċevuti daww l-oġġetti bl-imnut, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju fl-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-perjodu ta' żmien stabbilit f'dan ir-Regolament, u, fir-rigward tal-prodotti tas-sajd, ir-rispett tal-kunċett ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat kif definit mill-Unjoni fl-applikazzjoni tagħha tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, mingħajr ma jimponu fuq ir-Renju Unit obbligu li japplika l-istess rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni u proċeduri relatati stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (15) Barra minn hekk, jixraq li jiġu stabbiliti wkoll regoli speċifiċi għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' kunsinni ta' oġġetti bl-imnut li jikkonsistu minn ikel, għajr prodotti li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti jew prodotti komposti, u materjal li jiġi f'kontatt mal-ikel, sabiex tali kunsinni ma jkunux soġġetti għall-istess rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni bħall-kunsinni ta' oġġetti bl-imnut li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti jew prodotti komposti.
- (16) Fil-każijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, fejn jitnaqqsu l-kontrolli uffiċjali li jinvolvu ċ-ċertifikazzjoni u l-verifiki fuq l-oġġetti bl-imnut li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit, u fejn għalhekk ikun meħtieġ li jiġi żgurat li daww l-oġġetti bl-imnut jibqgħu fl-Irlanda ta' Fuq u ma jimminawx is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur fis-suq intern jew l-integrità tiegħu, billi tiġi pprovduta informazzjoni lill-konsumaturi dwar daww l-oġġetti bl-imnut, jixraq li jkun hemm fis-seħħ regoli speċifiċi dwar l-immarkar. Jenħtieġ li dawn ir-regoli speċifiċi jiżguraw l-informazzjoni għall-konsumaturi u t-traċċabbiltà ta' daww l-oġġetti bl-imnut. Jenħtieġ li jipprevedu rekwiżiti differenti għall-immarkar fil-livelli tal-kaxxa, tal-ixkaffa jew tal-prodott individwali. Jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli speċifiċi tirrikonoxxi l-ħtieġa għal perjodi ta' żmien xierqa għar-rekwiżiti tal-immarkar li jimminimizzaw il-piżijiet u d-diffikultajiet għall-ktajjen tal-provvista, kif ukoll l-importanza tal-moviment kontinwu ta' oġġetti bl-imnut fir-Renju Unit konsistenti mal-pożizzjoni tal-Irlanda ta' Fuq bħala parti mir-Renju Unit.
- (17) Jixraq li jiġu previsti mekkaniżmi mfassla apposta, għall-iskop uniku li jippermettu li oġġetti bl-imnut li jikkonsistu minn komoditajiet li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi għajr ir-Renju Unit ("oġġetti bl-imnut mill-bqija tad-dinja") li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti, prodotti komposti u prodotti tas-sajd jibbenefikaw mir-regoli speċifiċi

stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ewwel nett, fil-każ ta' oġġetti bl-imnut mill-bqija tad-dinja li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti jew prodotti komposti, il-mekkaniżmu xieraq jopera meta ir-Renju Unit jiddeċiedi li jadatta r-regoli tiegħu fi ħdan l-ordni ġuridika interna tiegħu u f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tiegħu. Għal dan l-għan, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti proċeduri li jikkonċernaw l-adattament ta' dawn ir-regoli, jekk ir-Renju Unit jiddeċiedi li juża dik il-possibbiltà, permezz ta' elenkar ta' komoditajiet u l-mekkaniżmu ta' tneħħija mil-lista tagħhom, kif ukoll salvagwardji meħtieġa oħra. Meta r-Renju Unit jiddeċiedi li jadatta r-regoli tiegħu, huwa jibqa' liberu li jżid kundizzjonijiet aktar stretti. It-tieni nett, għall-prodotti tas-sajd, jixraq li jitqiesu r-regoli tar-Renju Unit li jiżguraw li l-prodotti tas-sajd miksuba minn sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ma jiġux importati fir-Renju Unit.

- (18) Huwa neċessarju li l-kunsinni ta' pjanti għat-tħawwil, għajr patata taż-żriġħ, u makkinarju u vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija qabel ma jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq, u li jintbagħtu minn operaturi professjonisti f'partijiet oħra tar-Renju Unit għall-wasla minn operaturi professjonisti fl-Irlanda ta' Fuq jew għall-bejgħ immedjat fir-Renju Unit wara l-wasla tagħhom fl-Irlanda ta' Fuq minn operaturi professjonisti ma jippreżentawx riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-pjanti fil-gżira tal-Irlanda u għas-suq intern. Għalhekk, jenħtieġ li d-dħul ta' daww il-kunsinni fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ikun soġġett għal regoli speċifiċi sabiex jiġi żgurat li daww il-kunsinni ma jżidux ir-riskju għas-saħħa tal-pjanti fil-gżira tal-Irlanda, ma jaffettwawx b'mod negattiv l-istatus fitosanitarju tal-gżira tal-Irlanda jew iżidu r-riskju għas-saħħa tal-pjanti fis-suq intern jew jaffettwaw l-integrità tagħha.
- (19) Huwa neċessarju li d-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' kunsinni ta' tuber *Solanum tuberosum* L. għat-tħawwil (patata taż-żriġħ), mibgħuta minn operaturi professjonisti f'partijiet oħra tar-Renju Unit għall-wasla minn operaturi professjonisti fl-Irlanda ta' Fuq jew għall-bejgħ immedjat fir-Renju Unit wara l-wasla tagħhom fl-Irlanda ta' Fuq minn operaturi professjonisti, ma jippreżentax riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-pjanti fil-gżira tal-Irlanda u għas-suq intern. Għalhekk, id-dħul ta' daww il-kunsinni fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit, jenħtieġ li jkun soġġett għal ċerti regoli speċifiċi sabiex jiġi żgurat li daww il-kunsinni ma jżidux ir-riskju għas-saħħa tal-pjanti fuq il-gżira tal-Irlanda, ma jaffettwawx b'mod negattiv l-istatus fitosanitarju tal-gżira tal-Irlanda jew iżidu r-riskju għas-saħħa tal-pjanti fis-suq intern jew jaffettwaw l-integrità tagħha.
- (20) Minħabba l-istorja twila tan-nuqqas ta' infezzjoni bil-virus tar-rabja u ta' sorveljanza stretta tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fir-Renju Unit, u r-rekwiżiti stretti dwar il-movimenti ta' klieb, qtates u inmsa fuq u fit-territorju tiegħu stabbiliti fil-liġi nazzjonali, il-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit jenħtieġ li ma jżidx il-livell ta' riskju għas-saħħa tal-annimali fl-Irlanda ta' Fuq u fuq il-gżira tal-Irlanda, jenħtieġ li ma jaffettwax b'mod negattiv l-istatus sanitarju tal-gżira tal-Irlanda, u jenħtieġ li ma jżidx ir-riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali fis-suq intern, jekk tali movimenti kienu soġġetti għal regoli speċifiċi. Jenħtieġ li daww ir-regoli speċifiċi jinkludu l-forniment ta' dokument ta' identifikazzjoni ssimplifikat u dikjarazzjoni bil-miktub mis-sid jew minn persuna awtorizzata li daww l-annimali mhux se jiġu mċaqilqa sussegwentement lejn xi Stat Membru. Barra minn hekk, jixraq li jiġi previst li l-klieb, il-qtates u l-inmsa domestiċi mill-Irlanda ta' Fuq, li jivvjaġġaw lejn partijiet oħra tar-Renju Unit u mbagħad jirritornaw direttament lejn l-Irlanda ta' Fuq jenħtieġ li jiġu identifikati biss bi transponder.

- (21) Fl-istess ħin, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji xierqa għall-Unjoni sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament ma żżidx ir-riskji għas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti fil-gżira tal-Irlanda, ma taffettwax b'mod negattiv l-istatus Sanitarju u Fitosanitarju tal-gżira tal-Irlanda, ma żżidx ir-riskju għas-saħħa pubblika, tal-annimali u tal-pjanti fis-suq intern jew iżżid ir-riskju li l-prodotti tas-sajd li joriġinaw minn sajd illegali, mhux irrappurtat jew mhux irregolat jiġu introdotti fis-suq intern, u ma taffettwax b'mod negattiv il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur fis-suq intern jew l-integrità tiegħu.
- (22) Għalhekk, jixraq li jiġi previst li r-regoli speċifiċi dwar il-kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, patata taż-żriġħ, makkinarju u vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, u r-regoli speċifiċi dwar il-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa domestiċi, jibdew japplikaw biss meta l-Kummissjoni tkun irċeviet il-garanziji bil-miktub xierqa mir-Renju Unit u tkun eżaminat jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' regoli speċifiċi ġew issodisfati. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistipula r-regoli operattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-regoli speċifiċi, inklużi l-frekwenza tal-verifiki, il-forom mudell taċ-ċertifikati u t-tikketti fitosanitarji, u r-rekwiżiti għall-marka.
- (23) Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tintalab tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu miżuri ta' salvagwardja biex tindirizza problemi speċifiċi li jinqalgħu fil-kuntest tal-operat tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament fejn ikun hemm evidenza li r-Renju Unit ma jhux miżuri xierqa biex jindirizza ksur serju jew ripetut tal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (24) Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tintalab tadotta atti delegati biex tissospendi l-applikazzjoni ta' wħud mir-regoli speċifiċi jew tar-regoli speċifiċi kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament jekk xi prekundizzjoni essenzjali għat-tħaddim ta' daww ir-regoli speċifiċi ma tkunx issodisfata jew ma tkunx baqgħet issodisfata, bħat-tlestija tal-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju, jew fil-każ ta' nuqqas sistemiku mir-Renju Unit li jikkonforma mar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, jixraq li jiġi previst mekkaniżmu formali ta' informazzjoni u konsultazzjoni b'perjodi ċari ta' żmien li fihom il-Kummissjoni jenħtieġ li taġixxi.
- (25) Fil-każ tas-sospensjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, dwar id-dħul ta' kunsinni ta' oġġetti bl-imnut fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit, ir-regoli stabbiliti fl-atti tal-Unjoni jew partijiet minnhom elenkati fl-Anness 2 tal-Protokoll u elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jerġgħu japplikaw għal kunsinni bħal dawn.
- (26) Sabiex jiġu emendati l-Annessi I sa V ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari, biex tiġi adattata l-lista ta' atti tal-Unjoni jew partijiet minnhom li d-dispożizzjonijiet tagħhom jidderogaw minnhom, biex jiġu stabbiliti aktar dettalji dwar l-operat tar-regoli speċifiċi li jikkonċernaw il-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju, l-ejenkar ta' stabbilimenti, il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, u l-immarkar ta' oġġetti bl-imnut f'konformità ma' kriterji xierqa u sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu miżuri ta' sospensjoni fil-każ ta' nuqqas sistemiku tar-Renju Unit li jikkonforma mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li tiġi prevista wkoll proċedura ta' urġenza biex tiġi żgurata reazzjoni effettiva u rapida għall-eżistenza ta' riskju akbar għas-saħħa tal-annimali, tal-pjanti jew pubblika. Hu partikolarment importanti li waqt

il-ħidma preparatorja, il-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

- (27) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tar-rati speċjali tal-kontrolli uffiċjali u ċ-ċertifikat ġenerali, inkluż il-mudell tal-formola tiegħu, il-lista ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti jew prodotti komposti li joriġinaw minn pajjiżi terzi li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni ta' oġġetti bl-imnut li għalihom jenħtieġ li japplikaw ir-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-lista tal-Istati tal-bandiera tal-bastimenti li jaqdbu prodotti tas-sajd li għalihom jenħtieġ li japplikaw ir-regoli speċifiċi, il-forma mudell tat-tikketta fitosanitarja għall-pjanti għat-tħawwil, il-makkinarju u l-vetturi li ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, u għall-patata taż-żriġħ, l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-dokument tal-ivvjaġġar għall-annimali tad-dar u kundizzjonijiet speċjali xierqa u miżuri ta' salvagwardja biex jiġu indirizzati problemi speċifiċi li jirriżultaw fil-kuntest tat-tħaddim tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament fejn ikun hemm evidenza li r-Renju Unit ma jiħux miżuri xierqa biex jiġi indirizzat ksur serju jew ripetut tal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni¹².
- (28) Sabiex tiġi żgurata reazzjoni effettiva u malajr għal żieda fir-riskju għas-saħħa tal-annimali, tal-pjanti jew pubblika, jew għall-protezzjoni tal-konsumatur, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 182/2011¹³.
- (29) Jixraq li jiġi previst perjodu tranżitorju għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-immarkar għall-oġġetti bl-imnut li diġà jinsabu fis-suq.

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT

PARTI I

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

¹¹ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

¹² Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi relatati mad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' dan li ġejj:
 - (a) ċerti kunsinni ta' oġġetti bl-imnut għall-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq għall-konsumatur finali;
 - (b) ċerti kunsinni ta' pjanti għat-tħawwil għajr patata taż-żriġh, u makkinarju u vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, u patata taż-żriġh għall-introduzzjoni fis-suq u għall-użu fl-Irlanda ta' Fuq;

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli speċifiċi relatati mal-movimenti mhux kummerċjali lejn l-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' klieb, qtates u inmsa domestiċi.
2. B'deroga mid-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness 2 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (il-Protokoll) u li huma elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, dawk id-dispożizzjonijiet ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' kunsinni ta' oġġetti bl-imnut li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit għall-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 2 ta' dan ir-Regolament. Id-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness 2 tal-Protokoll għajr dawk elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw fir-rigward ta' kunsinni ta' oġġetti bl-imnut li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit għall-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq sakemm ma jkunux stabbiliti dispożizzjonijiet aktar speċifiċi f'dan ir-Regolament.
3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli dwar is-sospensjoni tal-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “kunsinna” tfisser kwantità ta' oġġetti koperti mill-istess ċertifikat uffiċjali, attestazzjoni uffiċjali jew kwalunkwe dokument ieħor, imwassla bl-istess mezz ta' trasport, u, fir-rigward ta' oġġetti bl-imnut, mibgħuta mill-istess stabbiliment elenkat f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq, u kkonsenjati lejn l-istess stabbiliment elenkat fl-Irlanda ta' Fuq, u, fir-rigward ta' pjanti għat-tħawwil, inkluża patata taż-żriġh, u makkinarju u vetturi mħaddma għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, mibgħuta minn operatori professjonali f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq u riċevuti minn operatur professjonali fl-Irlanda ta' Fuq;
- (b) “oġġetti bl-imnut” tfisser l-oġġetti li ġejjin li jiġu kkonsenjati f'terminals ta' distribuzzjoni, inklużi terminals li jiddistribwixxu oġġetti bl-imnut f'temperaturi kkontrollati, ċentri ta' distribuzzjoni tas-supermarkets, ħwienet bl-ingrossa, punti ta' bejgħ, jew li jiġu kkonsenjati direttament lill-konsumatur finali, inkluż minn operatori tal-catering, f'canteens tal-fabbriki, minn catering istituzzjonali, minn ristoranti u minn operatori u ħwienet ta' servizzi tal-ikel simili oħra:
 - (i) prodotti li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti;
 - (ii) pjanti għajr pjanti maħsuba għat-tħawwil, kif elenkati f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 72(1), l-Artikolu 73 u l-Artikolu 74(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031;
 - (iii) prodotti komposti;

- (iv) ikel għajr dak imsemmi f'(i), (ii) u (iii);
- (v) materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel;
- (vi) ikel għall-annimali tad-dar u oġġetti tal-magħad għall-klieb lesti biex jinbiegħu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;
- (c) "introduzzjoni fis-suq" tfisser iż-żamma minn operatur tal-oġġetti li b'referenza fl-Artikolu 1(1), il-punti (a) u (b), għal raġunijiet ta' għall-għanijiet ta' bejgħ, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew xi forma oħra ta' trasferiment, sew jekk bi ħlas sew jekk le, u xi forom oħra ta' trasferiment ta' dawn l-oġġetti;
- (d) "konsumatur finali" tfisser il-konsumatur finali ta' oġġett bl-imnut li ma jużahx bħala parti minn xi tħaddim jew attività ta' negozju;
- (e) "oġġetti bl-imnut mill-bqija tad-dinja" tfisser oġġetti bl-imnut li jikkonsistu minn komoditajiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi għajr ir-Renju Unit u importati f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq;
- (f) "prodotti li joriġinaw mill-annimali" tfisser oġġetti bl-imnut maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jikkonsistu minn dan li ġej:
 - (i) ikel li joriġina mill-annimali, inkluż l-għasel u d-demmi;
 - (ii) molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi ħajjin, tunikati ħajjin u gastropodi marini ħajjin maħsuba li jittieklul mill-bniedem;
 - (iii) annimali oħra ddestinati biex jiġu ppreparati biex jiġu mgħoddija ħajjin lill-konsumatur finali;
- (g) "prodotti li joriġinaw mill-pjanti" tfisser oġġetti bl-imnut maħsuba għall-konsum mill-bniedem li jikkonsistu minn pjanti u l-prodotti tagħhom, inkluż materjal ipproċessat;
- (h) "ikel għall-annimali tad-dar u oġġetti tal-magħad għall-klieb lesti biex jinbiegħu" tfisser ikel għall-annimali tad-dar u oġġetti tal-magħad għall-klieb għall-bejgħ dirett li huma ppakkjati f'pakketti lesti għall-bejgħ għall-użu mill-konsumatur finali;
- (i) "prodotti komposti" tfisser oġġetti bl-imnut maħsuba għall-konsum mill-bniedem li fihom kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali;
- (j) "ikel" tfisser ikel kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴;
- (k) "rata speċjali ta' kontrolli uffiċjali" tfisser ir-rata ta' kontrolli uffiċjali stabbilita f'att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 4(3);
- (l) "ċertifikat ġenerali" tfisser dokument stampat jew elettroniku ffirmit mill-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għal kunsinna ta' oġġetti bl-imnut u li jipprovdi assigurazzjoni dwar il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
- (m) "ikel ippakkjat minn qabel" tfisser ippreparat għal preżentazzjoni ta' kull prodott individwali bħala tali lill-konsumatur finali u lill-operaturi tal-catering, li jikkonsisti

¹⁴ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

fl-imballaġġ li jitqiegħdu l-oġġetti bl-imnut fih qabel ma jiġu offruti għall-bejgħ, sew jekk dak il-pakkett jiksi l-oġġetti bl-imnut kompletament u sew jekk parzjalment biss, iżda fi kwalunkwe każ, b'tali mod li l-kontenut ma jistax jiġi alterat mingħajr ma jinfetħa jew jinbidel l-imballaġġ;

- (n) “immarkar” tfisser kwalunkwe tikketta, ditta, marka, stampi jew materjal deskrittiv ieħor, miktub, stampat, stensiljat, immarkat, ibbuzzat jew imwahaħhal fuq jew imwahaħhal mal-imballaġġ ta' oġġett bl-imnut jew mal-kaxxa li jkun fih, u li ma jistax jitneħħa jew jiċċara faċilment;
- (o) “prodotti tas-sajd” tfisser prodotti tas-sajd kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (8), tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;
- (p) “stabbiliment” tfisser kwalunkwe unità ta' negozju li tibgħat jew tirċievi oġġetti bl-imnut;
- (q) “stabbiliment elenkat” tfisser l-stabbiliment elenkat skont l-Artikolu 8;
- (r) “Faċilità għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju” tfisser post tal-kontroll kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (38), tar-Regolament (UE) Nru 2017/625; u punt ta' dħul ta' vjaġġatur kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (k), tar-Regolament (UE) Nru 576/2013; it-tnejn f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dawk ir-Regolamenti;
- (s) “Status Sanitarju u Fitosanitarju” tfisser l-istatus tas-saħħa kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (34), tar-Regolament (UE) 2016/429 jew l-istatus tal-pest kif definit fl-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji 05 kif aġġornati¹⁵.
- (t) “prodotti tal-ħalib” tfisser prodotti mill-ħalib kif definit fl-Anness I, il-punt 7.2, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- (u) “laħam” tfisser laħam kif definit fl-Anness I, il-punt 1, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶
- (v) “tikketta fitosanitarja” tfisser kwalunkwe tikketta, ditta, marka, stampi jew materjal deskrittiv ieħor, miktuba, stampata, stensiljata, immarkata, ibbuzzata jew impressjonata, li ma tistax titneħħa jew tiċċara faċilment, maħruġa uffiċjalment jew taħt superviżjoni uffiċjali skont l-Artikolu 10 jew 11, biex takkumpanja kunsinni ta' pjanti għat-tħawwil, inkluża patata għaż-żriġħ, u makkinarju u vetturi mħaddma għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija;
- (w) “annimali tad-dar” tfisser annimali tad-dar tal-ispeċijiet elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, jiġifieri klieb, qtates u inmsa tad-dar;
- (x) “dokument tal-ivvjaġġar għall-annimali tad-dar” tfisser dokument stampat jew elettroniku maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għall-moviment mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit.

PARTI 2

Regoli speċifiċi għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' ċerti

¹⁵ <https://www.ippc.int/en/publications/622/>

¹⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

kunsinni ta' oġġetti bl-imnut li joriġinaw minn partijiet oħra tar-Renju Unit, jew li jiġu minn Stat Membru, jew oġġetti bl-imnut mill-bqija tad-dinja, għall-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq

Artikolu 3

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 2

Ir-regoli speċifiċi stabbiliti f'din il-Parti għandhom japplikaw għall-oġġetti bl-imnut li ġejja:

- (a) prodotti li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti, pjanti għajr pjanti maħsuba għat-tħawwil, u ikel għall-annimali tad-dar u oġġetti tal-magħad għall-klieb lesti biex jinbiegħu, imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (b)(i), (ii) u (vi);
- (b) prodotti komposti kif imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (b)(iii);
- (c) ikel kif imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt (b)(iv);
- (d) materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt (b)(v).

Artikolu 4

Regoli speċifiċi għal kunsinni ta' oġġetti bl-imnut imsemmija fl-Artikolu 3, il-punti (a) u (b)

1. Id-dħul fl-Irlanda ta' Fuq ta' kunsinni ta' oġġetti bl-imnut minn partijiet oħra tar-Renju Unit u l-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ta' dawn il-kunsinni msemmija fl-Artikolu 3, il-punti (a) u (b), għandhom ikunu soġġetti għal regoli speċifiċi dwar rati speċjali ta' kontrolli uffiċjali u għal ċertifikat ġenerali biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) l-oġġetti bl-imnut ikunu ppakkjati minn qabel u jkollhom marka fejn meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 6;
 - (b) l-oġġetti bl-imnut jikkonformaw ma' waħda minn dawn li ġejjin:
 - (i) joriġinaw minn partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq;
 - (ii) ikunu ġejjin minn Stat Membru;
 - (iii) ikunu oġġetti bl-imnut mill-bqija tad-dinja, li jikkonsistu f'komoditajiet mhux soġġetti għar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali jew is-saħħa tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punti (d), (e) u (g), tar-Regolament (UE) 2017/625;
 - (iv) ikunu oġġetti bl-imnut mill-bqija tad-dinja li jikkonformaw mar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 9;
 - (v) fil-każ ta' prodotti tas-sajd, dawn jew:
 - ikunu nqabdu minn bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tar-Renju Unit u nħattu f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq, jew
 - ikunu nqabdu minn bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru, jew ta' pajjiż terz għajr ir-Renju Unit elenkat f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 9(4), u ġew importati f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq;
 - (c) l-oġġetti bl-imnut jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009, (UE) 2016/429, (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625, u fil-każ ta' prodotti tas-sajd, jirrispettaw il-kunċett ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u

mhux irregolat kif definit mill-Unjoni fl-applikazzjoni tagħha tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

- (d) l-oġġetti bl-imnut għandhom jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq biss għall-konsumaturi finali;
 - (e) l-oġġetti bl-imnut jintbagħtu mill-istabbilimenti elenkati f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq u jaslu għand l-istabbilimenti elenkati fl-Irlanda ta' Fuq;
 - (f) l-oġġetti bl-imnut jiġu ppreżentati għall-kontrolli uffiċjali fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625;
 - (g) ir-Renju Unit ikun ipprova garanziji bil-miktub li jitwettqu kontrolli uffiċjali effettivi fuq il-kunsinni ta' oġġetti bl-imnut fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq, li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 u li jitwettqu kontrolli uffiċjali, ippruvati permezz ta' pjan ta' kontroll, u monitoraġġ f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament li jkopru l-movimenti ta' daww l-oġġetti bl-imnut mill-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq lejn l-istabbiliment tad-destinazzjoni elenkat biex jiġi żgurat li daww il-kunsinni jkunu maħsuba biss għall-bejgħ bl-imnut fl-istabbilimenti elenkati fl-Irlanda ta' Fuq u ma jiġux sussegwentement imċaqilqa lejn Stat Membru; b'hekk, daww il-garanziji bil-miktub jipprovdu assigurazzjoni lill-Unjoni li r-rati speċjali ta' kontrolli uffiċjali u ċ-ċertifikat ġenerali ma jżidux ir-riskji għas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti fil-gżira tal-Irlanda, ma jaffettwawx b'mod negattiv l-istatus Sanitarju u Fitosanitarju tal-gżira tal-Irlanda, ma jżidux ir-riskju għas-saħħa pubblika, dik tal-annimali jew tal-pjanti fis-suq intern, ma jżidux ir-riskju li l-prodotti tas-sajd li joriġinaw minn sajd illegali, mhux irrappurtat jew mhux irregolat jiġu introdotti fis-suq fl-Unjoni, u ma jaffettwawx b'mod negattiv il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur fis-suq intern jew l-integrità tiegħu;
 - (h) il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u ma tkunx haċet miżuri f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew f'konformità mal-Artikolu 14.
2. Il-kunsinni tal-oġġetti bl-imnut għandhom ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikat ġenerali msemmi fil-paragrafu 1, li għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, u li għandu jiċċertifika li l-oġġetti bl-imnut fil-kunsinna jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (f).
3. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li jikkonċernaw il-garanziji bil-miktub stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (g), u filwaqt li jitqiesu l-kontrolli tal-Kummissjoni rigward il-konformità mar-rekwiżiti għall-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju stabbiliti fl-Anness II, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi r-rati speċjali tal-kontrolli uffiċjali, ir-regoli dwar daww il-kontrolli uffiċjali, u dwar il-mudell taċ-ċertifikat ġenerali għall-kunsinni msemmija fil-paragrafu 1.
- Ir-rati speċjali ta' verifiki tal-identità, inkluż għall-konformità mal-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, u tal-Artikolu 5(1), il-punt (a), għandhom jiġu adattati skont il-punt sa fejn tipi differenti ta' oġġetti bl-imnut jiġu mmarkati individwalment.

Meta jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-immarkar stabbiliti fl-Artikolu 6(1), il-punt (b), ir-rata speċjali tal-verifiki tal-identità għandha titnaqqas għal 8 % tal-kunsinni kollha.

Meta jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-immarkar stabbiliti fl-Artikolu 6(1), il-punt (c), ir-rata speċjali tal-verifiki tal-identità għandha titnaqqas għal 5 % tal-kunsinni kollha.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-applikazzjoni mir-Renju Unit tar-regoli speċifiċi dwar ir-rati speċjali ta' kontrolli uffiċjali fuq il-kunsinni u ċ-ċertifikat ġenerali msemmi fil-paragrafi 1 u 2.

Meta jkun hemm evidenza, bħal rapport ta' spezzjoni tal-Unjoni, *data* dwar il-volumi tal-kummerċ ta' prodotti tal-inbid, awditu, jew notifika skont is-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 131 tar-Regolament (UE) 2017/625 (IMSOC) jew skont is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Biedja Organika magħmula disponibbli mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ (OFIS), li r-Renju Unit ma jhux miżuri xierqa biex jindirizza ksur serju jew ripetut tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (g) tal-paragrafu 1, ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, wara li tkun infurmat u kkonsultat kif xieraq mar-Renju Unit, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) u (3) ta' dan ir-Regolament li jistabbilixxi kundizzjonijiet u miżuri speċjali xierqa, inklużi restrizzjonijiet temporanji jew permanenti fuq l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi għal ċerti kunsinni jew stabbilimenti jew li jemenda l-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

5. L-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit jistgħu jiddeċiedu li ma jiġbrux tariffi jew ħlasijiet għall-kontrolli uffiċjali fuq l-oġġetti bl-imnut imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 5

Regoli speċifiċi għal kunsinni ta' oġġetti bl-imnut imsemmija fl-Artikolu 3, il-punti (c) u (d)

1. Id-dħul fl-Irlanda ta' Fuq ta' kunsinni ta' oġġetti bl-imnut minn partijiet oħra tar-Renju Unit u l-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ta' dawn il-kunsinni msemmija fl-Artikolu 3, il-punti (c) u (d), għandhom ikunu soġġetti għal regoli speċifiċi dwar rati speċjali ta' kontrolli uffiċjali u ċertifikat ġenerali biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) ikunu ppakkjati minn qabel u jkollhom marka fejn meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 6;
 - (b) jikkonformaw ma' waħda minn dawn li ġejjin:
 - (i) joriġinaw minn partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq;
 - (ii) ikunu ġejjin minn Stat Membru;

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

- (iii) ikunu oġġetti bl-imnut mill-bqija tad-dinja, li jikkonsistu f'komoditajiet mhux soġġetti għar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali jew is-saħħa tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punti (d), (e) u (g), tar-Regolament (UE) 2017/625 jew ir-regoli relatati mal-prodotti tas-sajd stabbiliti fir-Regolament (KE) 1005/2008;
 - (c) għandhom jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq biss għall-konsumaturi finali;
 - (d) jintbagħtu mill-istabbilimenti elenkati f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq u jaslu għand l-istabbilimenti elenkati fl-Irlanda ta' Fuq;
 - (e) jiġu ppreżentati għall-kontrolli uffiċjali fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625;
 - (f) ir-Renju Unit ikun ipprova garanziji bil-miktub li kontrolli uffiċjali effettivi fuq il-kunsinni ta' oġġetti bl-imnut fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq, li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 u li jitwettqu kontrolli uffiċjali, ippruvati permezz ta' pjan ta' kontroll, u monitoraġġ f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti I tal-Anness III ta' dan ir-Regolament li jkopru l-movimenti ta' daww l-oġġetti bl-imnut mill-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq lejn l-istabbilimenti tad-destinazzjoni elenkati biex jiġi żgurat li daww il-kunsinni jkunu maħsuba biss għall-bejgħ bl-imnut fl-istabbilimenti fl-Irlanda ta' Fuq u ma jiġux sussegwentement imċaqilqa lejn Stat Membru; b'hekk, daww il-garanziji bil-miktub jipprovdu assigurazzjoni lill-Unjoni li r-rati speċjali ta' kontrolli uffiċjali u ċ-ċertifikat ġenerali ma jżidux ir-riskji għas-saħħa pubblika fis-suq intern, u ma jaffettwawx b'mod negattiv il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur fis-suq intern jew l-integrità tiegħu;
 - (g) ikunu akkumpanjati minn ċertifikat ġenerali li jikkonforma mal-mudell stabbilit f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 4(3);
 - (h) il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(3) u ma tkunx ħadet miżuri f'konformità mal-Artikolu 4(4) u mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew f'konformità mal-Artikolu 14.
2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-applikazzjoni mir-Renju Unit tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq ta' daww il-kunsinni minn partijiet oħra tar-Renju Unit u l-introduzzjoni tagħhom fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq.
- Meta jkun hemm evidenza, bħal rapport ta' spezzjoni tal-Unjoni, awditu, jew notifika skont l-IMSOC jew l-OFIS, li r-Renju Unit ma jhux miżuri xierqa biex jindirizza ksur serju jew ripetut tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (g), ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, wara li tkun infurmat u kkonsultat kif xieraq mar-Renju Unit, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) u (3), li jistabbilixxi kundizzjonijiet u miżuri speċjali xierqa, jew li jemenda l-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 4(3).
3. L-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit jistgħu jiddeċiedu li ma jiġbrux tariffi jew ħlasijiet għall-kontrolli uffiċjali fuq l-oġġetti bl-imnut imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 6

Immarkar ta' oġġetti bl-imnut

1. L-oġġetti bl-imnut għandhom jiġu mmarkati f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) mill-1 ta' Ottubru 2023, l-oġġetti kollha għall-bejgħ bl-imnut għandhom ikunu mmarkati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, il-punti 2 u 3, għajr għall-oġġetti bl-imnut li ġejjin li għandu jkollhom marka individwali f'konformità mal-Anness IV, il-punt 1:
 - (i) laħam ippakkjat minn qabel, prodotti tal-laħam ippakkjati minn qabel u laħam ippakkjat fil-post tal-bejgħ;
 - (ii) ħalib ippakkjat minn qabel, prodotti tal-ħalib ippakkjati minn qabel u prodotti tal-ħalib ippakkjati f'postijiet tal-bejgħ elenkati fil-Parti 1 tal-Anness V;
 - (b) mill-1 ta' Ottubru 2024, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib kollha għandu jkollhom marka individwali f'konformità mal-Anness IV, il-punt 1;
 - (c) mill-1 ta' Lulju 2025, l-oġġetti bl-imnut kollha għandu jkollhom marka individwali f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, il-punt 1, għajr għall-oġġetti bl-imnut elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V, li għandhom jiġu mmarkati skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, il-punti 2 u 3.
2. B'deroga mill-paragrafu 1:
 - (a) l-oġġetti individwali li jinbiegħu sfużi jew skont il-piż fil-post tal-bejgħ fuq talba tal-konsumatur, inkluż l-oġġetti individwali pproċessati u li jinbiegħu fil-post tal-bejgħ minn bejjiegħ bl-imnut għall-konsum dirett mill-konsumatur, għandhom jiġu mmarkati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, il-punti 2 u 3.
 - (b) L-oġġetti individwali offruti minn operatur tal-catering, f'canteens tal-fabbriki, minn catering istituzzjonali, minn ristoranti u minn operaturi oħra ta' servizzi tal-ikel simili, għall-konsum dirett fuq il-post ma jkunx meħtieġ li jkollhom marka.
3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 li jemenda l-Anness IV billi tadatta r-rekwiżiti tal-immarkar b'reazzjoni għall-iżviluppi tekniċi jew operazzjonali.
4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja jekk l-oġġetti bl-imnut kollha jkunux immarkati f'konformità mal-paragrafu 1.

Meta jkun hemm evidenza, bħal rapport ta' spezzjoni tal-Unjoni, awditu, jew notifika skont l-IMSOC jew l-OFIS, jew *data* dwar il-volumi tal-kummerċ tal-prodotti tal-inbid, li l-oġġetti bl-imnut ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu jew li jinsabu fis-suq fi Stat Membru, il-Kummissjoni tista' temenda l-Annessi IV u V, permezz ta' att delegat, adottat f'konformità mal-Artikoli 16 u 17.
5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 biex temenda l-lista ta' oġġetti bl-imnut stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness V skont il-kriterji li ġejjin:
 - (a) oġġett bl-imnut għandu jiżdied ma' dik il-lista meta l-marka individwali ta' dak l-oġġett bl-imnut ma tkunx meħtieġa peress li l-kontrolli uffiċjali ma jibqgħux

meħtieġa fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625;

- (b) oġġett bl-imnut għandu jitneħħa minn dik il-lista jekk tkun meħtieġa marka individwali għall-finijiet tal-Artikoli 4 u 5 ta' dan ir-Regolament, jew meta jkunu meħtieġa kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625;

- 6. Meta l-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta, f'konformità mal-Artikolu 9(1) u (3), li r-regoli rilevanti dwar is-saħħa pubblika u l-informazzjoni għall-konsumatur stabbiliti fl-atti tal-Unjoni jew partijiet minnhom elenkati u indikati fl-Anness I, japplikaw skont id-dritt nazzjonali tar-Renju Unit, hija tista' tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 16 biex temenda l-Anness V billi żżid kategoriji ta' oġġetti bl-imnut awtorizzati li jiġu mmarkati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV, il-punti 2 u 3.

Meta r-Renju Unit ma jkunx informa lill-Kummissjoni li skont id-dritt nazzjonali tiegħu, ikun japplika att tal-Unjoni jew emenda għal att tal-Unjoni u pprova evidenza ta' dan f'konformità mal-Artikolu 9(5), il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 li jneħħi l-kategoriji ta' oġġetti bl-imnut ikkonċernati mil-listi ta' oġġetti bl-imnut stabbiliti fl-Anness V.

Artikolu 7

Monitoraġġ ta' oġġetti bl-imnut

- 1. L-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għandhom jimmonitorjaw il-kunsinni ta' oġġetti bl-imnut li jidhru fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit f'konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness III.
- 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 biex temenda l-Parti 1 tal-Anness III billi tadatta r-rekwiżiti ta' monitoraġġ għall-iżviluppi tekniċi jew operazzjonali għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-kunsinni ta' oġġetti bl-imnut.

Artikolu 8

Elenkar ta' stabbilimenti għall-fini tad-dispaċċ ta' kunsinni ta' oġġetti bl-imnut lejn l-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit u l-wasla tagħhom fl-Irlanda ta' Fuq

- 1. Il-kunsinni ta' oġġetti bl-imnut għandhom jintbagħtu mill-istabbilimenti f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq u jaslu għand l-istabbilimenti fl-Irlanda ta' Fuq elenkati rispettivament għal dak l-għan mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit f'konformità mar-rekwiżiti għall-elencar tal-istabbilimenti stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness III.
- 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 biex temenda l-Parti 2 tal-Anness III billi tadatta r-rekwiżiti għall-elencar tal-istabbilimenti għall-iżviluppi tekniċi jew operazzjonali għall-finijiet tal-Artikoli 4 u 5.

Artikolu 9

Regoli speċifiċi għal kunsinni ta' oġġetti bl-imnut mill-bqija tad-dinja

1. L-oġġetti bl-imnut mill-bqija tad-dinja, li jikkonsistu f'komoditajiet li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti jew prodotti komposti soġġetti għar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali jew dwar is-saħħa tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punti (d), (e) u (g) tar-Regolament (UE) 2017/625 jistgħu jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit u jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament biss f'każ li:
 - (a) ir-Renju Unit jiddeċiedi li, u b'riżultat ta' dan jipprovdi evidenza bil-miktub li:
 - (i) il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni u r-rekwiżiti tal-kontrolli uffiċjali previsti fir-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009, (UE) 2016/429, (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625 u fl-atti tal-Kummissjoni adottati skont dawk ir-Regolamenti japplikaw għal dawk il-komoditajiet skont id-dritt nazzjonali tar-Renju Unit; u
 - (ii) il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni u r-rekwiżiti tal-kontrolli uffiċjali msemmija fil-punt (a) (i) jiġu implimentati b'mod effettiv mir-Renju Unit.
 - (b) dawk il-komoditajiet huma elenkati f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 3.
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-prodotti tas-sajd li jinqabdu minn bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz għajr ir-Renju Unit u li jiġu importati f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq jistgħu jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit bħala oġġetti bl-imnut, u jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 4 biss fil-każ li:
 - (a) ir-Renju Unit jiddeċiedi li, u b'riżultat ta' dan jipprovdi evidenza bil-miktub:
 - (i) li l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni, il-kontrolli uffiċjali u r-rekwiżiti ta' verifika japplikaw skont id-dritt nazzjonali tar-Renju Unit u b'hekk jiżguraw li l-prodotti tas-sajd miksuba minn sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 u fl-atti tal-Unjoni adottati skont dak ir-Regolament ma jiġux importati fir-Renju Unit;
 - (ii) il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni, il-kontrolli uffiċjali u r-rekwiżiti ta' verifika msemmija fil-punt (i) jiġu implimentati b'mod effettiv mir-Renju Unit.
 - (b) l-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat huwa elenkat f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 4.

Kull meta r-Renju Unit ikun beħsiebu jintroduċi miżuri ġodda jew jemenda miżuri eżistenti rilevanti għall-kundizzjonijiet tal-importazzjoni, il-kontrolli uffiċjali u r-rekwiżiti ta' verifika msemmija fil-punt (a)(i), dan għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien u jipprovdi informazzjoni dwar il-kontenut ta' tali miżuri qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri fid-dritt nazzjonali tiegħu.

Kull meta l-Unjoni tkun beħsiebha tintroduċi miżuri ġodda fir-rigward ta' Stat tal-bandiera li jkollhom impatt fuq l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, din għandha tinforma lir-Renju Unit mingħajr dewmien u ttipprovdi informazzjoni dwar il-kontenut ta' tali miżuri qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri;

3. Biex tivvaluta l-implimentazzjoni effettiva tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni, il-kontrolli uffiċjali u r-rekwiżiti ta' verifika msemija fil-paragrafi 1 u 2, fejn applikabbli, il-Kummissjoni tista' twettaq awditi u proċeduri ta' verifika fir-Renju Unit, li jistgħu jinkludu dan li ġej:
- (a) valutazzjoni tal-pjan ta' kontroll totali kollu jew ta' parti minnu, tal-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, inkluż, fejn xieraq, rieżamijiet tal-programmi ta' spezzjonijiet u awditjar;
 - (b) valutazzjoni li l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni, il-kontrolli uffiċjali u r-rekwiżiti ta' verifika msemija fil-paragrafi 1 u 2, jiġu implimentati b'mod effettiv bħala parti mid-dritt nazzjonali tar-Renju Unit;
 - (c) verifika fuq il-post.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar is-sejbiet ta' kull awditu mwettaq u tagħmel ir-rapport disponibbli għall-Istati Membri u għar-Renju Unit.

4. Meta l-Kummissjoni tkun irċeviet l-evidenza msemija fil-paragrafi 1 u 2 bil-miktub, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta miżuri li jelenkaw:
- (a) il-komoditajiet li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti jew il-prodotti komposti u l-pajjiżi terzi ta' orijini tagħhom li jistgħu jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq bħala oġġetti bl-imnut minn partijiet oħra tar-Renju Unit, u jiġu introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq;
 - (b) l-Istati tal-bandiera msemija fil-paragrafu 2, il-punt (b).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 18(2).

5. Kull meta l-Kummissjoni tħejji atti tal-Unjoni jew emendi għal tali atti msemija fil-paragrafu 1, il-punt (a)(i), hija għandha tinforma lir-Renju Unit u tipprovdi l-informazzjoni rilevanti għalih.

Ir-Renju Unit għandu jinforma lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 15-il jum qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dawk l-atti tal-Unjoni jew l-emendi għal tali atti, jekk il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni, il-kontrolli uffiċjali u r-rekwiżiti ta' verifika stabbiliti f'dawk l-atti tal-Unjoni jew l-emendi, japplikawx bħala parti mid-dritt nazzjonali tiegħu fid-data tal-applikazzjoni ta' dawk l-atti tal-Unjoni jew l-emendi u jipprovdi evidenza tagħhom.

Fil-każ ta' atti tal-Kummissjoni applikabbli immedjatament, il-Kummissjoni għandha tinforma lir-Renju Unit mill-aktar fis possibbli u r-Renju Unit għandu jinforma lill-Kummissjoni jekk il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni, il-kontrolli uffiċjali u r-rekwiżiti ta' verifika japplikawx bħala parti mid-dritt nazzjonali tiegħu mhux aktar tard minn tlett ijiem mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawk l-atti tal-Kummissjoni.

Meta r-Renju Unit ma jkunx informa lill-Kummissjoni li att tal-Unjoni jew emenda għal att tal-Unjoni japplikaw skont id-dritt nazzjonali tiegħu u pprova evidenza ta' dan f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 18(2) u (3), li jneħħi l-komoditajiet ikkonċernati mill-att tal-Unjoni jew l-emenda għall-att tal-Unjoni li ma japplikawx

skont id-dritt nazzjonali tar-Renju Unit mil-listi stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

6. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-applikazzjoni mir-Renju Unit tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni, il-kontrolli uffiċjali u r-rekwiżiti ta' verifika msemmija fil-paragrafi 1 u 2, fejn applikabbli.

Meta jkun hemm evidenza, b'hal valutazzjoni tal-Kummissjoni, verifika skont il-paragrafu 3, rapport ta' spezzjoni tal-Unjoni, awditu jew notifika skont l-IMSOC, li r-Renju Unit ma jhux miżuri xierqa biex jindirizza ksur serju jew ripetut tal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, jew ma jwettaqx b'mod effettiv il-kontrolli uffiċjali jew ir-rekwiżiti ta' verifika msemmija f'dawk il-paragrafi, jew li r-Renju Unit ma japplikax waħda minn dawk il-kundizzjonijiet tal-importazzjoni, il-kontrolli uffiċjali jew ir-rekwiżiti ta' verifika skont id-dritt nazzjonali tiegħu, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi miżuri xierqa, li jistgħu jinkludu t-tneħħija ta' ċerti komoditajiet jew pajjiżi terzi ta' orijini jew ċerti Stati tal-bandiera, mil-listi stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 4.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) u (3).

PARTI 3

Regoli speċifiċi għad-dħul fl-Irlanda ta' Fuq ta' kunsinni tal-pjanti għat-tħawwil, għajr il-patata taż-żriġh, u l-makkinarju u l-vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija u ta' patata taż-żriġh minn partijiet oħra tar-Renju Unit għall-introduzzjoni fis-suq u għall-użu fl-Irlanda ta' Fuq

Artikolu 10

Regoli speċifiċi għal kunsinni ta' pjanti għat-tħawwil, għajr il-patata taż-żriġh, u l-makkinarju u l-vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, għad-dispaċċ u l-bejgħ minn operaturi professjonisti

1. Id-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit u l-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ta' kunsinni tal-pjanti għat-tħawwil, għajr il-patata taż-żriġh, u l-makkinarju u l-vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija qabel ma jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq għandhom ikunu soġġetti għal regoli speċifiċi u rekwiżit tat-tikketta fitosanitarja biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) dawk il-kunsinni jintbagħtu minn operaturi professjonisti f'partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq, li jkunu ġew awtorizzati u rreġistrati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għall-fini li jiġi ggarantit li dawk il-kunsinni jintbagħtu f'konformità ma' dan ir-Regolament, biex jaslu għand l-operaturi professjonisti fl-Irlanda ta' Fuq jew għall-bejgħ immedjat fir-Renju Unit wara li jaslu għand l-operaturi professjonisti fl-Irlanda ta' Fuq;
 - (b) l-iżgħar unitajiet kummerċjali applikabbli tal-pjanti għat-tħawwil, għajr il-patata taż-żriġh, f'kull kunsinna u l-makkinarju u l-vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija qabel id-dħul fl-Irlanda ta' Fuq ikollhom dik it-tikketta fitosanitarja maħruġa minn operatur professjonist, taħt is-superviżjoni uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, li

tikkonforma mal-kontenut u mal-formola mudell stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 3;

- (c) il-kunsinni tal-pjanti għat-tħawwil, għajr il-patata taż-żriġh, u l-makkinarju u l-vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija qabel ma jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq jikkonformaw mar-regoli għad-dħul tagħhom fl-Unjoni stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2016/2031 u (UE) 2017/625;
- (d) il-kunsinni ta' pjanti għat-tħawwil, għajr il-patata taż-żriġh, u l-makkinarju u l-vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija qabel id-dħul fl-Irlanda ta' Fuq, wara d-dħul tagħhom fl-Irlanda ta' Fuq, għandhom jiġu introdotti fis-suq u jintużaw biss fir-Renju Unit u ma għandhomx sussegwentement jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru;
- (e) il-pjanti għat-tħawwil, għajr il-patata taż-żriġh, u l-makkinarju u l-vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija qabel ma jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq jiġu ppreżentati għall-kontrolli uffiċjali fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625;
- (f) l-operaturi professjonisti fl-Irlanda ta' Fuq li jirċievu dawk il-pjanti għat-tħawwil, u l-operaturi professjonisti li jirċievu għall-ewwel darba dawk il-vetturi u l-makkinarju wara d-dħul tagħhom fl-Irlanda ta' Fuq, ikunu rreġistrati rispettivament għal dak l-għan mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit fir-reġistru previst fl-Artikolu 65(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 66 ta' dak ir-Regolament;
- (g) ir-Renju Unit ikun ipprovda garanziji bil-miktub li jkun hemm fis-seħħ proċess ta' awtorizzazzjoni u reġistrazzjoni ta' operaturi professjonisti biex jiġi żgurat li dawk il-kunsinni jintbagħtu f'konformità ma' dan ir-Regolament, inkluż proċeduri uffiċjali biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' konformità, li l-kontrolli uffiċjali fuq il-kunsinni ta' pjanti għat-tħawwil, għajr il-patata taż-żriġh, u l-makkinarju u l-vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija qabel id-dħul fl-Irlanda ta' Fuq fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq, li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625, u li jitwettqu kontrolli uffiċjali, ippruvati permezz ta' pjan ta' kontroll, u miżuri ta' sorveljanza li jkopru l-movimenti ta' dawk il-kunsinni mill-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq lejn il-post tad-destinazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq, biex jiġi żgurat li dawk il-kunsinni ma jiġux sussegwentement imċaqilqa lejn Stat Membru; b'hekk, dawk il-garanziji bil-miktub jipprovdu assigurazzjoni lill-Unjoni li r-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan l-Artikolu ma jżidux ir-riskju għas-saħħa tal-pjanti fil-gżira tal-Irlanda, ma jaffettwawx b'mod negattiv l-istatus Sanitarju u Fitosanitarju tal-gżira tal-Irlanda, u ma jżidux ir-riskju għas-saħħa tal-pjanti fis-suq intern jew jaffettwaw l-integrità tagħha;
- (h) il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu dwar il-kontenut u l-forma mudell tat-tikketta fitosanitarja u ma tkunx issospendiet l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi, imsemmija f'dan il-paragrafu, fil-punti (a), (b) u (c), f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew f'konformità mal-Artikolu 14.

2. It-tikketta fitosanitarja msemija fil-paragrafu 1 għandha taferma li l-kunsinni tal-pjanti għat-tħawwil, għajr il-patata taż-żriġħ, u l-makkinarju u l-vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija qabel ma jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq jikkonformaw mar-rekwiżiti msemija fil-punti (a), (c) u (d) tal-paragrafu 1.
3. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li jikkonċernaw il-garanziji bil-miktub stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (g), ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar il-kontenut u l-mudelli tat-tikketta fitosanitarja msemija fil-paragrafu 1.
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 18(2) u (3).
4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-applikazzjoni mir-Renju Unit tar-regoli, imsemija fil-paragrafi 1 u 3, dwar il-kunsinni ta' pjanti għat-tħawwil, għajr il-patata taż-żriġħ, u l-makkinarju u l-vetturi li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija, u t-tikketta fitosanitarja.
Meta jkun hemm evidenza, bħal rapport ta' spezzjoni tal-Unjoni, awditu, jew notifika skont l-IMSOC, li r-Renju Unit ma jhux miżuri xierqa biex jindirizza ksur serju jew ripetut tal-kundizzjonijiet imsemija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (g), il-Kummissjoni, wara li tkun infurmat u kkonsultat kif xieraq mar-Renju Unit, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura msemija fl-Artikolu 18(2) u (3), li jistabbilixxi kundizzjonijiet u miżuri speċjali xierqa, inkluż restrizzjonijiet temporanji jew permanenti fuq l-applikazzjoni tar-regoli relatati ma' ċerti kunsinni jew operatori jew li jemendaw l-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 11

Regoli speċifiċi għal kunsinni ta' patata taż-żriġħ

1. Id-dħul fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit ta' kunsinni ta' tuber tas-*Solanum tuberosum* L. għat-tħawwil (patata taż-żriġħ) għall-introduzzjoni fis-suq għandu jkun soġġett għal regoli speċifiċi u rekwiżit tat-tikketta fitosanitarja biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) dawk il-kunsinni jintbagħtu minn operatori professjonisti li jkunu ġew awtorizzati u rreġistrati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit għall-fini li jiġi ggarantit li dawk il-kunsinni jintbagħtu f'konformità ma' dan ir-Regolament, f'partijiet oħra tar-Renju Unit biex jaslu għand l-operaturi professjonisti fl-Irlanda ta' Fuq;
 - (b) kull kunsinna ta' patata taż-żriġħ ikollha dik it-tikketta fitosanitarja f'konformità mal-paragrafu 2;
 - (c) il-patata taż-żriġħ tikkonforma mar-rekwiżiti tal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 3, dwar id-dħul tal-patata taż-żriġħ fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit u l-introduzzjoni fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq;
 - (d) wara d-dħul tagħha fl-Irlanda ta' Fuq, il-patata taż-żriġħ tkun maħsuba biss biex tiġi introdotta fis-suq u tintuża fir-Renju Unit u ma għandhiex sussegwentement tiġi mċaqilqa lejn Stat Membru;

- (e) il-patata taż-żriġh tiġi ppreżentata għall-kontrolli uffiċjali fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625;
 - (f) ir-Renju Unit ikun ipprova garanziji bil-miktub li jkun hemm fis-seħħ proċess ta' reġistrazzjoni u awtorizzazzjoni, inkluż proċeduri uffiċjali biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' konformità, u li l-kontrolli uffiċjali fuq il-kunsinni tal-patata taż-żriġh, fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq, li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625, u li jitwettqu kontrolli uffiċjali, u miżuri ta' sorveljanza li jkopru l-movimenti ta' daww il-kunsinni mill-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq, lejn il-post tad-destinazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq, biex jiġi żgurat li daww il-kunsinni ma jiġux sussegwentement imċaqilqa lejn Stat Membru; b'hekk, daww il-garanziji bil-miktub jipprovdu assigurazzjoni lill-Unjoni li r-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan l-Artikolu ma jżidux ir-riskju għas-saħħa tal-pjanti fil-gżira tal-Irlanda, ma jaffettwawx b'mod negattiv l-istatus Sanitarju u Fitosanitarju tal-gżira tal-Irlanda, u ma jżidux ir-riskju għas-saħħa tal-pjanti fis-suq intern jew jaffettwaw l-integrità tagħha;
 - (g) il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u ma tkunx issospendiet l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew f'konformità mal-Artikolu 14.
2. It-tikketta fitosanitarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, wara spezzjonijiet uffiċjali sistematiċi u fiżiċi, u għandha tiġi stampata jew minn daww l-awtoritajiet kompetenti jew mill-operaturi professjonisti taħt is-superviżjoni uffiċjali ta' daww l-awtoritajiet kompetenti.
- Din għandha tafferma li l-kunsinni tal-patata taż-żriġh jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (c) u (d), u r-regoli f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 3.
3. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li jikkonċernaw il-garanziji bil-miktub stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (f), il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli dwar:
- (a) ir-rekwiżiti għad-dħul tal-patata taż-żriġh fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit, u l-użu tagħha fl-Irlanda ta' Fuq;
 - (b) il-forma mudell tat-tikketta fitosanitarja msemmija fil-paragrafu 1.
- Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) u (3).
4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-applikazzjoni mir-Renju Unit tal-kundizzjonijiet, imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, li jikkonċernaw il-kunsinni tal-patata taż-żriġh, u t-tikketta fitosanitarja.
- Meta jkun hemm evidenza, bħal rapport ta' spezzjoni tal-Unjoni, awditu, jew notifika skont l-IMSOC, li r-Renju Unit ma jiħux miżuri xierqa biex jindirizza ksur serju jew ripetut tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (f), il-Kummissjoni, wara li tkun infurmat u kkonsultat kif xieraq mar-Renju Unit, għandha

tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 18(2) u (3), li jistabbilixxi kundizzjonijiet u miżuri speċjali xierqa, inkluż restrizzjonijiet temporanji jew permanenti fuq l-applikazzjoni tar-regoli relatati ma' ċerti kunsinni jew operatori jew li jemendaw l-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

PARTI 4

Regoli speċifiċi għall-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit

Artikolu 12

Regoli speċifiċi għall-moviment mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar

1. Ir-regoli speċifiċi stabbiliti f'dan l-Artikolu għall-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit għandhom japplikaw biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) ir-Renju Unit ipprova garanziji bil-miktub li:
 - (i) daww l-annimali tad-dar ma jżidux ir-riskju għas-saħħa tal-annimali fil-gżira tal-Irlanda jew jaffettwaw l-istatus sanitarju tagħha, jew iżidu r-riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali fis-suq intern jew jimminaw l-integrità tagħha;
 - (ii) l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit jieħdu azzjoni effettiva biex inaqqsu kemm jista' jkun il-possibbiltà li l-annimali tad-dar jiġu mċaqilqa mill-Irlanda ta' Fuq lejn Stat Membru, ippruvata permezz ta' informazzjoni dwar il-proċeduri uffiċjali biex jiġi deċiż liema miżuri għandhom jittieħdu fil-każ ta' nuqqas ta' konformità;
 - (iii) l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit japplikaw rekwiżiti relatati mal-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar fir-Renju Unit biex jipproteġu l-istatus tas-saħħa tal-annimali tiegħu;
 - (iv) l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit iwettqu kontrolli effettivi tad-dokumenti u tal-identità fuq l-annimali tad-dar li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit f'konformità mal-punt (f);
 - (v) l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit jimplimentaw sistema ta' detezzjoni u notifika bikrija għall-infezzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* f'annimali ospitanti definittivi selvaġġi, u jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe detezzjoni bħal din;
 - (vi) l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit jimplimentaw sistema ta' detezzjoni u notifika bikrija għall-infezzjoni bil-virus tar-rabja f'annimali suxxettibbli miżmuma u selvaġġi, u jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe suspett jew detezzjoni ta' infezzjoni bir-rabja mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit;
 - (b) il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-paragrafu 4;
 - (c) l-annimali tad-dar joriġinaw minn partijiet tar-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq u sussegwentement ma jkunux se jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru;

- (d) l-annimali tad-dar jiġu identifikati bi transponder li jikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 576/2013;
 - (e) l-annimali tad-dar ikunu akkumpanjati minn dokument tal-ivvjaġġar għall-annimali tad-dar, bil-miktub jew f'format elettroniku, f'konformità mal-paragrafu 4, li jkun ġie vvalidat mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit f'konformità mal-paragrafu 2, u tiġi pprovduta dikjarazzjoni ffirmata mis-sid jew mill-persuna awtorizzata li daww l-annimali tad-dar identifikati f'konformità mal-punt (d) u koperti mid-dokument tal-ivvjaġġar għall-annimali tad-dar ma jkunux se jiġu sussegwentement imċaqilqa mill-Irlanda ta' Fuq lejn Stat Membru;
 - (f) l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit iwettqu kontrolli tad-dokumenti u tal-identità fuq l-annimali tad-dar akkumpanjati mid-dokument tal-ivvjaġġar għall-annimali tad-dar u d-dikjarazzjoni kif imsemmija fil-punt (e), ippreżentati mis-sid jew mill-persuna awtorizzata wara t-tluġh abbord u qabel il-wasla fl-Irlanda ta' Fuq, jew fil-ħin tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq, biex tintwera l-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan l-Artikolu; fil-każ ta' nuqqas ta' konformità żvelat matul daww il-verifiki kif previst fil-proċeduri uffiċjali msemmija fil-punt (a)(ii), l-annimali tad-dar għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit fil-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II, biex jirrimedjaw in-nuqqas ta' konformità;
2. Id-dokument tal-ivvjaġġar għall-annimali tad-dar imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (e), għandu jinħareġ biss wara li l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit ikunu vverifikaw kif xieraq li l-entrati rilevanti fid-dokument ikunu tlestew b'mod korrett u veritier bl-informazzjoni meħtieġa minn att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 4, u b'hekk tiġi ċċertifikata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (c) u (d).
 3. Għall-moviment mhux kummerċjali tal-annimali tad-dar li joriġinaw mill-Irlanda ta' Fuq, li jivvjaġġaw biss lejn partijiet oħra tar-Renju Unit u sussegwentement jirritornaw direttament lejn l-Irlanda ta' Fuq:
 - (i) l-annimali tad-dar għandhom jiġu identifikati bi transponder f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (d);
 - (ii) ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (c), (e) u (f) ma għandhomx japplikaw;
 - (iii) ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 ma għandhomx japplikaw.
 4. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (a), il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2), tistabbilixxi regoli dwar l-informazzjoni li għandha tiġi inkludha fid-dokument tal-ivvjaġġar tal-annimali tad-dar għall-movimenti mhux kummerċjali ta' annimali tad-dar li jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit, inklud il-kontenut tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (e).
 5. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-applikazzjoni mir-Renju Unit tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu.

Meta jkun hemm evidenza, bħal rapport ta' spezzjoni tal-Unjoni, awditu, jew notifika skont l-IMSOC, li r-Renju Unit ma jhux miżuri xierqa biex jindirizza ksur serju jew ripetut tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, wara li tkun infurmat u kkonsultat kif xieraq mar-Renju Unit, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) u (3), li jistabbilixxi kundizzjonijiet u miżuri speċjali xierqa, jew li jemenda l-atti ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

PARTI 5

Projbizzjoni u sospensjoni

Artikolu 13

Projbizzjoni fuq il-moviment lejn jew l-introduzzjoni fis-suq fi Stat Membru ta' oġġetti u annimali tad-dar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament

L-oġġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jiġu mċaqilqa mill-Irlanda ta' Fuq lejn Stat Membru jew jiġu introdotti fis-suq fi Stat Membru.

L-annimali tad-dar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jiġu mċaqilqa mill-Irlanda ta' Fuq lejn Stat Membru.

L-Istati Membri għandhom japplikaw sanzjonijiet dissważivi u proporzjonati effettivi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Sospensjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti fil-Partijiet 2, 3 u 4

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja mill-qrib l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi stabbiliti fil-Partijiet 2, 3 u 4 u fl-Artikolu 13, u b'mod partikolari jekk:
 - (a) jitwettqu kontrolli uffiċjali fuq kunsinni ta' oġġetti bl-imnut, pjanti għat-tħawwil, vetturi u makkinarju li jkunu ġew operati għal skopijiet agrikoli jew ta' forestrija qabel id-dħul fl-Irlanda ta' Fuq, fuq il-patata taż-żriġh u fuq l-annimali tad-dar, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;
 - (b) ikun hemm fis-seħħ kontrolli uffiċjali u monitoraġġ adegwati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III li jkopru l-movimenti ta' oġġetti bl-imnut mill-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq lejn l-istabbiliment tad-destinazzjoni elenkat biex jiġi żgurat li l-oġġetti bl-imnut ikunu maħsuba biss għall-istabbilimenti elenkati fl-Irlanda ta' Fuq u ma jiġux sussegwentement trasferiti lejn Stat Membru;
 - (c) ikun hemm konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 9.
2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja wkoll jekk:
 - (a) il-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju tal-ewwel wasla fl-Irlanda ta' Fuq jikkonformawx mal-Anness II;
 - (b) ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandhomx aċċess dejjem għaddej u kontinwu għall-bażijiet tad-*data* rilevanti użati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit fl-Irlanda ta' Fuq għall-fini tal-kontrolli uffiċjali u l-monitoraġġ meħtieġa

minn dan ir-Regolament, inkluż il-Pjattaforma ta' Spezzjoni tad-Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED) u bażijiet tad-*data* u skambju tal-informazzjoni rilevanti oħra, u jekk l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit fl-Irlanda ta' Fuq jikkonformawx mal-obbligu tagħhom li jużaw TRACES kif previst fir-Regolament (UE) 2017/625.

3. Meta l-Kummissjoni ssib li hemm nuqqas sistemiku mir-Renju Unit li jikkonforma mar-regoli speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1, jew li r-Renju Unit ma jikkonformax ma' waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lir-Renju Unit bil-miktub dwar dik is-sejba u r-raġunijiet dettaljati għaliha, f'perjodu ta' sebat ijiem.
4. Għal perjodu ta' erba' ġimgħat wara d-data tan-notifika bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjonijiet mar-Renju Unit bil-għan li dan jirrimedja s-sitwazzjoni li wasslet għan-notifika bil-miktub.
5. Jekk is-sitwazzjoni li twassal għan-notifika bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, ma tiġix rimedjata fil-perjodu ta' erba' ġimgħat imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew meta d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Taqsima 2 (Determinazzjoni tal-oġġetti mhux f'riskju u tħassir tad-Deċiżjoni Nru 4/2020) tad-Deċiżjoni Nru XX/2023¹⁸ tal-Kumitat Konġunt ikunu ġew sospiżi f'konformità mal-Artikolu 15(2) tagħha minħabba raġunijiet rilevanti għall-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, f'perjodu ta' erba' ġimgħat, għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament li jispeċifika d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li l-applikazzjoni tagħhom għandha tiġi sospiża.

Fil-każ ta' nuqqas mir-Renju Unit li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (c), u fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att delegat, tissospendi l-applikazzjoni tal-Artikoli 4, 5, 6, 9, 10, 11 u 12.
6. Meta s-sitwazzjoni li twassal għall-adozzjoni tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 5 tkun ġiet rimedjata mir-Renju Unit, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, li jispeċifika liema dispożizzjonijiet sospiżi għandhom japplikaw mill-ġdid.

PARTI 6

Atti Delegati u ta' Implimentazzjoni

Artikolu 15

Emendi għall-Annessi I u II

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex temenda l-lista fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, fejn jeħtieġ li jitneħħew jew jiżdiedu l-atti tal-Unjoni jew partijiet minnhom imsemmija fl-Anness 2 tal-Protokoll.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikoli 16 u 17 biex temenda r-rekwiżiti għall-Faċilitajiet għall-Ispezzjonar Sanitarju u Fitosanitarju

¹⁸ [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: żid ir-referenza tal-ĠU]

stabbiliti fl-Anness II, fejn meħtieġ u xieraq, biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi u operazzjonali rilevanti, dment li tali emendi jkunu konsistenti mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 16

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli 6(3) sa (6), 7(2), 8(2), 14(5) u (6) u fl-Artikolu 15 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-xx/xx/20xx. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli 6(3) sa (6), 7(2), 8(2), 14(5) u (6) u fl-Artikolu 15 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 6(3) sa (6), 7(2), 8(2), 14(5) u (6) u l-Artikolu 15 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 17

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.
2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemija fl-Artikolu 16(6). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 18

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf stabbilit bl-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura kif stabbilit skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 għall-finijiet tal-Artikolu 9(4), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament. Għandha tkun meġhuna wkoll minn dak il-Kumitat għall-finijiet tal-Artikoli 4(4) u 9(6) ta' dan ir-Regolament għal kwistjonijiet li jaqgħu esklużivament fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-Kumitat.

Dawk il-kumitati għandhom ikunu kumitati skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Parti 7

Dispożizzjonijiet Tranżizzjonali u Finali

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għar-rekwiżiti tal-immarkar

Għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 30 jum mill-1 ta' Ottubru 2023, ma għandux ikun meħtieġ li l-oġġetti bl-imnut introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq qabel dik id-data jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-immarkar stabbiliti fl-Artikolu 6(1), il-punt (a).

Għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 30 jum mill-1 ta' Ottubru 2024, ma għandux ikun meħtieġ li l-oġġetti bl-imnut introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq qabel dik id-data jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-immarkar stabbiliti fl-Artikolu 6(1), il-punt (b).

Għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 30 jum mill-1 ta' Lulju 2025, ma għandux ikun meħtieġ li l-oġġetti bl-imnut introdotti fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq qabel dik id-data jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-immarkar stabbiliti fl-Artikolu 6(1), il-punt (c).

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President